

# S 5.2 MIT-TEMPJI PREISTORIĊI GĦALL-KATIDRALI

**S5.2.1**
Naraw kif il-bniedem minn dejjem kellu xi forma ta' twemmin; insibu eżempji tat-tipi prinċipali ta' postijiet ta' qima mibnija jew imħaffra taħt l-art mill-Maltin mill-Preistorja sal-lum.

## A. Diskursata bejn SALVINU u l-Papà tiegħu TONI
(fil-pjazza tar-raħal il-Ħadd filgħodu)



**Salvinu** (*iħares lejn il-kampnar tal-knisja*)

Kos Papà, dejjem niskanta jien kif bnew dan il-bini tal-knisja daqshekk kbir, mingħajr il-krejnijiet li għandna llum.



**Papà** Hekk hu Salv, tiskanta l-bniedem meta jħaddem moħħu sew kemm jista' jagħmel affarijiet kbar u sbieħ.

Salv, kont taf li l-bniedem hawn Malta mhux minn dejjem kien jadura lil Alla fi knejjes bħalma nistgħu naraw illum?



**Salvinu** Iva Pa, l-għalliema għadha kif kienet qed tgħallimna dwar it-Tempji Preistoriċi. Dawk kienu l-postijiet fejn il-Maltin kienu joffru annimali bħala sagrifiċċju u jagħtu qima lill-allat tagħhom.



**Papà** Bravu Salvinu. Taf issemmili xi tempji preistoriċi?

**Salvinu** Din ħafifa Pa, Ħal Tarxien, il-Ġgantija, Ħaġar Qim, l-Imnajdra, insomma, daqs kemm hemm! Hemm ukoll l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni li qiegħed Raħal Ġdid.

**Papà** Bravu Salv, tidher li qgħadt attent sew.

**Salvinu** L-għalliema qaltilna wkoll li wara li San Pawl daħħal il-fidi nisranija f'Malta, bil-mod il-mod in-nies ma baqgħux jagħtu qima lill-allat pagani imma bdew jaduraw lil Alla u jagħtu qima lill-Madonna Ommu u lill-qaddisin.

**Papà** Hekk hu Salv. Fil-fatt, fi Żmien il-Ħakma Rumana f'Malta, in-nies kienu jidfnu lill-mejtin tagħhom fil-katakombi. Meta l-Insara bdew jużaw dawn il-katakombi huma wkoll, naqqxu fihom diversi simboli Nsara.

**Salvinu** Katakombi x'inhuma Pa?

**Papà** Dawn kienu kollha mħaffrin fil-blat taħt l-art. Hemm isfel, in-nies ta' dak iż-żmien, fosthom l-Insara kienu jidfnu lill-mejtin tagħhom u anke jagħmlu ċerimonji reliġjużi oħra fihom.

**Salvinu** Mela bħall-Ipoġew ta' Ħal Saflieni.

**Papà** Hekk hu Salv. Imma l-Ipoġew huwa ta' Żmien il-Preistorja. Fl-Ipoġew sibna statwa tal-Mara r-Rieqda. Bħalma għedtlek, meta l-katakombi intużaw mill-Insara, huma naqqxu fihom ħafna simboli Nsara.

**Salvinu** Imbagħad allura għaliex ma baqgħux jintużaw?

**Papà** L-ewwel kien hemm żmien meta Malta u Għawdex intrebħu mill-Għarab. Ma nafux eżatt x'ġara mir-reliġjon nisranija f'dak iż-żmien. Imma mbagħad bil-mod il-mod, meta Malta reġgħet ġiet f'idejn mexxejja Ewropej, bħan-Normanni, l-Aragoniżi u l-Kavallieri ta' San Ġwann, ir-reliġjon Nisranija bdiet tieħu r-ruħ u bdew jinbnew bosta kappelli. Sakemm wasalna għall-knejjes kbar u sbieħ bħal din!

**Salvinu** Interessanti hux. Grazzi Pa. Inkomplu nitkellmu darb'oħra. Naħseb aħjar immorru għax il-Mamà tieħu ħsiebna.

**B. Aqra dak li qegħdin jgħidu l-personaġġi, imbagħad wieġeb.**

**L-Ewwel Personaġġ:**



Illum vera morna tajjeb fil-kaċċa. Irnexxielna naqbdu erba' tajriet vera kbar. Għandhom iservuna għal dil-ġimgħa.
Għada, jiena u l-familja tiegħu nitilgħu sat-tempju u noffru waħda minnhom bħala sagrifiċċju lill-allat.

**Immarka r-risposta t-tajba.**

1. F'liema post ta' qima taħseb li dan ir-raġel sejjer joffri sagrifiċċju?
   - Il-knisja tal-Mosta
   - Il-konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt
   - Il-katidral tal-Imdina
   - It-tempji tal-Ġgantija Għawdex
   - Il-katakombi ta' San Pawl fir-Rabat



2. Liema minn dawn li ġejjin tispjega x'tip ta' twemmin kellu dan ir-raġel?
   - Kien jemmen fil-Madonna u l-Qaddisin Insara
   - Kien jemmen f'Alla tal-Insara
   - Kien jemmen f'ħafna allat

3. Dan ir-raġel kien jgħix fil-Preistorja.

Għaliex ma jistax ikun illi kien bi ħsiebu jmur joffri waħda mit-tjur bħala sagrifiċċju fil-knisja ta' Santa Marija tal-Qrendi?



Ikteb r-raġunijiet tiegħek:

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

## It-Tieni Personaġġ:



Jisimni Portio. Jiena ċittadin Ruman u noqgħod fi gżira żgħira jisimha Melita, f'belt ħelwa li ukoll jisimha Melita. Dalgħodu miet iz-ziju tiegħi. Illejla flimkien mal-familjari kollha tiegħi se nattendu għal ċerimonja fejn tingħata l-Ewkaristija, imbagħad nidfnuh.

## Immarka r-risposta t-tajba minn dawn.

1. Iz-ziju ta' Portio kien se jindifen (immarka t-tajba):
   - fit-tempju tal-Ġgantija Għawdex.
   - f'wieħed mill-katakombi nsara.
   - fil-konkatidral ta' San Ġwann il-Belt.
   - fil-katidral tal-Imdina.
   - fil-knisja tal-Mosta.

2. Liema minn dawn tispjega x'tip ta' twemmin kellu Portio?

- kien jemmen f'ħafna allat pagani tar-Rumani.
- kien jemmen fl-allat Griegi.
- kien nisrani.
- l-ikbar alla għalih kienet il-Mara l-Ħoxna, alla tal-Fertilità.

3. Għaliex fl-opinjoni tiegħek, iz-ziju ta' Portio ma setax jiġi midfun fiċ-ċimiterju tal-Addolorata?

   Ikteb r-raġunijiet tiegħek hawn



   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

## It-Tielet Persontaġġ



Jisimni Melanie. Jiena noqgħod ix-Xagħra Għawdex. Jiena għandi 6 snin u dis-sena se nagħmel l-Ewwel Tqarbina.
Il-MUSEUM qegħdin jippreparawna biex nirċievu lil Ġesù għall-ewwel darba. Anke l-iskola l-għalliema kellmitna fuq it-tifisra nisranija tal-Ewwel Tqarbina.

1. Fejn taħseb li se ssir iċ-ċerimonja tal-Ewwel Tqarbina ta' Melanie?
   - ❖ fit-tempju tal-Ġgantija tax-Xagħra Għawdex
   - ❖ fil-katidral tar-Rabat Għawdex
   - ❖ fil-konkatidral ta' San Ġwann il-Belt
   - ❖ fil-knisja ewlenija tax-Xgħajra
   - ❖ fit-tempju ta' Ġuno Tas-Silġ Marsaxlokk

2. Minn dak li qalet Melanie, nistgħu nindunaw li:
   - ❖ Melanie tadura lill-Mara l-Ħoxna, alla tal-Fertilità
   - ❖ Melanie għandha twemmin nisrani
   - ❖ Melanie ma għandha l-ebda twemmin
   - ❖ Melanie tħobb tadura l-allat pagani tal-Griegi

4. Għaliex fl-opinjoni tiegħek, Melanie sejra tagħmel l-Ewwel Tqarbina fil-knisja?

   Ikteb r-raġunijiet tiegħek hawn



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________